# STEDINA TA' TFAJJEL

Dis-sena, Bambin, m'intix sa tbati
Meta mill-ġdid terġa' titwieled;
Dis-sena nilqgħek jien ġod-dar fejn noqgħod,
U l-mama' tiegħi u l-papa'
Ikunu ħbieb tal-qalb
Tal-Mama' tiegħek u l-Papa'.
Did-darba mhux sa jkun
Li ma jagħtukx xi dwejra
Fejn iddabbar rasek,
U jkollok tmur fi stalla.

Dari mhix kbira, mhix palazz, mhix villa,
Biss flok il-ħmar
(Miskin għamillek mill-aħjar)
U l-bacra (dejjem saħħnitek naqra)
U s-silla
U t-tiben,
Issa f'benniena
Inti torqod, Iben
Marija u San Ġużepp!

Hejjejtlek ġa gvieret tas-suf
Isaħħnu,
Minn ċawka li naraw fil-Carosello,
Imħadda ratba rix,
U mitraħ Permaflex,
Kamra fil-kwiet u kulturita kaħla,
Ġnieġel u logħob
U Mickey Mouse
U Topogigio
Biex nilagħbu bihom flimkien,
U sa ndendillek mal-benniena
Kalzetta kbira
U ġugarelli u blalen,
U bżiezaq minn kull lewn
U Santa Claus
Bil-leħja twila bajda
Qed jitbissimlek.
Biex malli tistenbaħ

U tiftaħ għajnejk
Issib kollox ħdejk,
Tara b'għajnejk
Lili nżiegħel bik
U nilgħab miegħek
U niċċajtalek u ndaħħkek.

Ommok Marija toqgħod tistrieħ,
Missierek Ġużeppi
Jitħaddet fil-kwiet
Ma' missieri fuq pultruna
Komda, modern u sħuna,
Ipejpu, jekk Ġużeppi ipejjep,
Sigarru Avana.

Ngħixu flimkien,
Nikbru flimkien,
Nilagħbu l-football flimkien,
Iva, inti u jien.
U malli nħammġu l-ħwejjeġ
Ommi taħsilhom bil-washing-machine
Bla telf ta' ħin.
Noqogħdu t-tnejn naraw
It-television,
Programmi tat-tfal
żgħar
(Mhux broadcasts tqal)

U nisimgħu r-radju
U nkantaw flimkien
Il-Christmas Carols
Immorru l-picnics
Bil-car żgħira tagħna
(Nitrassu ftit ħalli tasagħna),
Immorru t-talkies
Naraw il-cartoons
U films tat-tfal.

Tibżax,
Mhux sa nħalluhom isallbuk,
Ma terġax tkun.

Ħbiebi jaqbżu għalik,
It-tfal kollha ta l-iskola tiegħi
Ħadd ma jħallik,
Bambin ħelu u ħanin,
L-appuntament ġa sar
Għall-25 ta' dan ix-xahar,
F'din id-dar.
(Mela f'dak l-Għar!)

Jien ma norqodx,
Jien nistenniek:
Ejja, ejja għandi,
Ejja, Bambin!

**ALBERT M. CASSOLA.**

## NIFIRĦU

Nifirħu lil Ġorġ Pisani, membru ta' l-Akkademja, li rebaħ l-International Literary Award, bi premju ta' £M500, bir-rumanz tiegħu *Beraq u Qawsalli.* Dan ix-xogħol, li kien milqugħ tajjeb ħafna mill-kritika, huwa l-ewwel rumanz li qatt kiteb Pisani.